KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
ĆAPETA
ppreżentati fid-9 ta' Ġunju 2022[1]

Kawża C-64/21

Rigall Arteria Management Sp. z o.o. sp. k.
vs
Bank Handlowy w Warszawie S.A.

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 86/653/KEE – Artikolu 7(1)(b) – Aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom – Remunerazzjoni – Dritt għal kummissjoni għal tranżazzjonijiet konklużi matul il-kuntratt ta' aġenzija ma' klijenti akkwistati preċedentement mill-aġent kummerċjali għal tranżazzjonijiet tal-istess tip – Regola obbligatorja jew fakultattiva – Possibbiltà ta' deroga b'kuntratt"

I. Introduzzjoni

1. Din il-kawża toriġina minn talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 86/653/KEE tat-18 ta' Diċembru 1986 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom[2].

2. L-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 jipprovdi li aġent kummerċjali jkun intitolat għal kummissjoni fuq tranżazzjonijiet kummerċjali konklużi tul il-perijodu kopert bil-kuntratt ta' aġenzija meta t-tranżazzjoni tkun ġiet konkluża ma' parti terza li l-aġent kummerċjali jkun akkwista preċedentement bħala klijent għal tranżazzjonijiet tal-istess tip. Nirreferi għal dan bħala kummissjoni għal tranżazzjonijiet imtennija[3].

3. Il-kwistjoni ewlenija mqajma f'din il-kawża hija jekk l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 għandux jiġi interpretat bħala regola obbligatorja jew fakultattiva u, għalhekk, jekk il-partijiet għall-kuntratt ta' aġenzija jistgħux, jew le, jitħallew jeskludu d-dritt tal-aġent kummerċjali għall-kummissjoni għal tranżazzjonijiet imtennija.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 177.

3 Ara, pereżempju, Saintier, S. u Scholes, J., *Commercial Agents and the Law*, Routledge, Londra, 2005, p. 116-118; Singleton, S., *Commercial Agency Agreements: Law and Practice*, 5ed., Bloomsbury Professional, London, 2020, p. 99.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

4. L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 86/653 jipprovdi:

"Aġent kummerċjali għandu jkun intitolat għal kommissjoni fuq operazzjonijiet [kummissjoni fuq tranżazzjonijiet] kummerċjali konklużi tul il-perjodu kopert bil-kuntratt ta' l-aġenzija:

(a) meta l-operazzjoni [t-tranżazzjoni] tkun ġiet konkluża bħala riżultat ta' l-azzjoni tieghu; jew

(b) meta l-operazzjoni [t-tranżazzjoni] tkun konkluża ma' parti terza li jkun qabel akkwista bħala klijent għall-operazzjonijiet ta' l-istess tip."

B. Id-dritt Pollakk

5. L-Artikolu 761(1) tal-Kodiċi Ċivili [4], li jittrasponi l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 86/653 fid-dritt Pollakk, jiddikjara:

"L-aġent jista' jitlob kummissjoni fuq kuntratti konklużi tul il-perijodu kopert bil-kuntratt ta' aġenzija, jekk dawn ikunu ġew konklużi bħala riżultat tal-attivitajiet tiegħu jew jekk dawn ikunu ġew konklużi ma' klijent li l-aġent ikun akkwista preċedentement għal kuntratti tal-istess tip."

III. Il-fatti fil-kawża prinċipali, id-domandi għal deċiżjoni preliminari magħmula u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

6. Skont id-digriet tar-rinviju, Rigall Arteria Management Sp. z o. o. sp. k. (iktar 'il quddiem, "Rigall Arteria Management") ikkonkludiet sensiela ta' kuntratti ta' aġenzija ma' Bank Handlowy w Warszawie S.A. (iktar 'il quddiem, "Bank Handlowy") għall-perijodu bejn l-1 ta' Ġunju 1999 u t-30 ta' Ġunju 2015. Skont dawk il-kuntratti Rigall Arteria Management u Bank Handlowy kellhom l-istatus ta' aġent u prinċipal, rispettivament.

7. Il-kuntratt ta' aġenzija kien dwar il-provvista ta' servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja, li kien jinkludi intermedjazzjoni fil-provvista ta' attivitajiet anċillari u promozzjonali b'rabta mal-immaniġġar u l-ksib ta' karti tal-kreditu u servizzi finanzjarji oħra offruti minn Bank Handlowy.

8. Il-kuntratt ta' aġenzija kien jindika kif l-aġent kellu jitħallas, billi jistipula li r-remunerazzjoni għandha tiġi kkalkolata b'rabta mal-għadd ta' kuntratti konklużi. Fil-maġġoranza tal-każijiet, dan kien ammont speċifiku mħallas għal kull karta tal-kreditu maħruġa jew għal kull applikazzjoni għal self ipproċessata validament. Il-kuntratt ma kienx jistipula kwalunkwe tip ta' remunerazzjoni bbażata fuq kummissjoni ħlief għal kummissjoni fir-rigward ta' kuntratti konklużi bil-parteċipazzjoni diretta tal-aġent.

[4] Ustawa z dnia 23 kwietnia 1964 r. Kodeks cywilny (il-Liġi tat-23 ta' April 1964 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ċivili) (Dz. U. tal-2019, pożizzjoni 1145, kif emendat) (iktar 'il quddiem, il-"Kodiċi Ċivili").

9. Bank Handlowy temm il-kuntratt ta' aġenzija fis-17 ta' Diċembru 2014. Minħabba f'hekk, Rigall Arteria Management talbet lil Bank Handlowy jgħarrafha dwar il-kummissjoni li kellu jagħtiha għall-perijodu mill-1 ta' Ġunju 1999 sal-31 ta' Jannar 2015.

10. Bank Handlowy irrifjuta li jagħmel dan, billi argumenta, b'mod partikolari, li bl-informazzjoni mogħtija lilu sa dak iż-żmien l-aġent seta' jikkalkula r-remunerazzjoni kollha dovuta skont il-kuntratt ta' aġenzija u, konsegwentement, ma kienx hemm raġuni għalfejn kellha tingħata informazzjoni ulterjuri. Rigall Arteria Management ippreżentat azzjoni quddiem is-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali, Varsavja, il-Polonja), li permezz tagħha hija talbet informazzjoni dwar kuntratti konklużi minn Bank Handlowy ma' klijenti akkwistati preċedentement bl-intermedjazzjoni tal-aġent.

11. Permezz ta' sentenza tal-20 ta' Ġunju 2016, is-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali tal-Ġustizzja, Varsavja) ċaħdet l-azzjoni. Dik il-qorti kkonstatat, *inter alia*, li ma kienx jirriżulta mill-formulazzjoni tal-kuntratt bejn il-partijiet li l-aġent kien intitolat jitlob kummissjoni għal tranżazzjonijiet imtennija.

12. Permezz ta' sentenza tat-28 ta' Frar 2018, is-Sąd Apelacyjny w Warszawie (il-Qorti tal-Appell, Varsavja, il-Polonja) ċaħdet l-appell ta' Rigall Arteria Management. B'mod partikolari, dik il-qorti kkunsidrat li kummissjoni għal tranżazzjonijiet imtennija, kif imsemmi fl-Artikolu 761(1) tal-Kodiċi Ċivili li jimplimenta l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653, hija ta' natura supplimentari, li tippermetti lill-partijiet għall-kuntratt ta' aġenzija jirregolaw il-materja b'mod differenti. Fil-fehma ta' dik il-qorti, iċ-ċirkustanzi tal-każ kienu jindikaw li l-partijiet taċitament kienu eskludew id-dritt tal-aġent għall-kummissjoni inkwistjoni, li kien evidenti kemm mill-fatt li ma kien sar ebda riferiment għal dak it-tip ta' kummissjoni fil-formulazzjoni tal-kuntratt, kif ukoll mill-imġiba tal-partijiet matul l-implimentazzjoni tiegħu.

13. Rigall Arteria Management ippreżentat appell fil-kassazzjoni minn dik is-sentenza quddiem is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), li hija l-qorti tar-rinviju f'dan il-każ. Insostenn ta' dak l-appell, Rigall Arteria Management tallega ksur tal-Artikolu 761(1) tal-Kodiċi Ċivili, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653, fis-sens li min-natura tagħha din id-dispożizzjoni hija meqjusa bħala supplimentari.

14. Il-qorti tar-rinviju tispjega li kien għadu ma ġiex iċċarat jekk huwiex kuntrattwalment possibbli skont il-liġi Pollakka li tiġi mmodifikata jew eskluża b'mod kuntrattwali talba ta' aġent kummerċjali għal kummissjoni għal tranżazzjonijiet imtennija. Minħabba li l-liġi rilevanti Pollakka kienet ittrasponiet id-Direttiva 86/653, il-qorti tar-rinviju hija tal-opinjoni li l-interpretazzjoni tagħha tiddependi mill-interpretazzjoni dwar jekk l-Artikolu 7(1)(b) ta' din id-direttiva huwiex regola obbligatorja jew fakultattiva.

15. F'dawn iċ-ċirkustanzi s-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Fid-dawl tal-kliem u tal-għan tal-Artikolu 7(1)(b) tad-[Direttiva 86/653], din id-dispożizzjoni għandha tinftiehem bħala li tagħti lill-aġent kummerċjali li jaħdem għal rasu dritt assolut għal kummissjoni fuq kuntratt konklużwaqt li kien għadu fis-seħħ kuntratt ta' aġenzija ma' terza persuna li huwa kien diġà kiseb bħala klijent fir-rigward ta' tranżazzjonijiet tal-istess tip, jew dan l-intitolament jista' jiġi eskluż fil-kuntratt?"

16. Ġew sottomessi osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja minn Rigall Arteria Management, minn Bank Handlowy, mill-Gvern Ġermaniż, Taljan u dak Pollakk u mill-Kummissjoni Ewropea. Nżammet seduta fit-23 ta' Marzu 2022 li matulha Rigall Arteria Management, Bank Handlowy, il-Gvern Ġermaniż u dak Pollakk u l-Kummissjoni ressqu argument orali.

IV. Analiżi

17. Id-Direttiva 86/653 hija leġiżlazzjoni eċċezzjonali tal-Unjoni minħabba li tirregola kuntratti reċiproċi bejn l-impriżi. Hija tapplika għal kuntratti ta' aġenzija [5] konklużi bejn l-aġent kummerċjali u l-prinċipal fejn it-tnejn li huma jkunu qegħdin jaġixxu bħala persuni indipendenti fin-negozju [6]. Id-Direttiva 86/653 tapplika esklużivament għal tali kuntratti li fihom l-attivitajiet tal-aġent jitwettqu bi ħlas [7]. Hija tarmonizza ċerti aspetti biss tar-relazzjoni bejn aġenti kummerċjali u prinċipali u, b'mod iktar speċifiku, drittijiet u obbligi reċiproċi bażiċi tal-partijiet (Kapitolu II), ir-remunerazzjoni ta' aġenti kummerċjali (Kapitolu III) u l-konklużjoni u t-terminazzjoni tal-kuntratti ta' aġenzija (Kapitolu IV). L-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 jagħmel parti mill-Kapitolu III (Artikoli 6 sa 12) tad-Direttiva.

18. Għandu jitqies li d-Direttiva 86/653 ġiet adottata fis-snin tmenin skont bażijiet legali tas-suq intern li kienu jeħtieġu unanimità [8], wara negozjati fit-tul u kumplessi, b'xi Stati Membri jopponu għalkollox il-ħtieġa ta' tali direttiva [9]. Għalhekk, fl-aħħar, hija kienet ir-riżultat ta' kompromessi fost Stati Membri b'filosofiji differenti ħafna dwar ir-regolamentazzjoni ta' kuntratti b'mod ġenerali, u b'mod speċifiku kuntratti ta' aġenzija.

19. Mhux ta' min jistagħġeb, għalhekk, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ġiet mistiedna bosta drabi tinterpreta dispożizzjonijiet differenti tad-Direttiva 86/653 [10]. Din, iżda, hija l-ewwel darba li l-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistiedna tfisser in-natura tal-Artikolu 7(1)(b) tagħha.

[5] Permezz ta' kuntratti ta' aġenzija l-aġent kummerċjali li jaħdem għal rasu u l-prinċipal jistabbilixxu relazzjoni permanenti. Il-kompitu tal-aġent huwa li jsib klijenti għall-prinċipal, jinnegozja magħhom u, possibbilment, jippermetti l-konklużjoni ta' tranżazzjonijiet kummerċjali bejn il-prinċipal u tali klijenti. Ara d-Direttiva 86/653, b'mod partikolari l-Artikoli 1(2) u 3. Tali deskrizzjoni tax-xogħol tal-aġent hija bbażata fuq ir-relazzjonijiet kummerċjali nnifishom kif ikunu jidhru f'kuntest ekonomiku reali. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 1996, Kontogeorgas (C-104/95, EU:C:1996:492, punt 26).

[6] Għal analiżi tad-Direttiva 86/653, ara Saintier, S., "Commercial agency in European Union private law", fi Twigg-Flesner, C. (ed.), *The Cambridge Companion to European Union Private Law*, Cambridge University Press, Cambridge, 2010, p. 273-285; ara wkoll kwotazzjonijiet fin-noti ta' qiegħ il-paġna 3 u 71 ta' dawn il-konklużjonijiet. Għal diskussjoni usa', ara, pereżempju, Jansen, N. u Zimmermann, R., *Commentaries on European Contract Laws*, Oxford University Press, Oxford, 2018, p. 587-594.

[7] Skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 86/653, din id-direttiva ma tapplikax għal aġenti kummerċjali li l-attivitajiet tagħhom ikunu mingħajr ħlas.

[8] Id-Direttiva 86/653 ġiet adottata qabel ma ddaħħal dak li llum huwa l-Artikolu 114 TFUE fil-qafas tat-Trattat permezz tal-Att Uniku Ewropew, li kien daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1987. Id-Direttiva kienet ibbażata fuq l-Artikoli 57(2) u 100 KEE (li issa saru l-Artikoli 53(1) u 115 TFUE).

[9] Ara, pereżempju, id-Dokument tal-Kunsill 7251/1/83 REV 1, tal-14 ta' Ġunju 1983; id-Dokument tal-Kunsill 9274/84, tad-19 ta' Settembru 1984; id-Dokument tal-Kunsill 7242/85, tas-6 ta' Ġunju 1985. Ara wkoll, f'dan ir-rigward, Lando, O., "The EEC Draft Directive Relating to Self-Employed Commercial Agents: The English Law Commission *versus* The EC Commission", *Rabels Zeitschrift für ausländisches und internationales Privatrecht/The Rabel Journal of Comparative and International Private Law*, Vol. 44, 1980, p. 1.

[10] Hemm diġà madwar għoxrin sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja b'risposta għal talbiet għal deċiżjoni preliminari magħmula minn qrati nazzjonali dwar id-Direttiva 86/653. Madankollu, minkejja ċarezza insuffiċjenti tat-test ta' din id-direttiva, il-Kummissjoni sabet li d-Direttiva 86/653 kienet suċċess minħabba li l-għadd ta' tranżazzjonijiet transkonfinali ta' aġenzija żdied. Ara, f'dan ir-rigward, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Evalwazzjoni tad-Direttiva 86/653 (Evalwazzjoni REFIT), SWD(2015) 146 final, tas-16 ta' Lulju 2015 (iktar 'il quddiem ir-rapport "REFIT").

20. Permezz tad-domanda tagħha l-qorti tar-rinviju essenzjalment tfittex li tikkonstata jekk id-dritt ta' aġent kummerċjali għal kummissjoni għal tranżazzjonijiet imtennija skont l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 jistax jiġi mmodifikat jew eskluż mill-partijiet fil-kuntratt ta' aġenzija.

21. Bil-ħsieb li nirrispondi għal dik id-domanda nibda billi nindirizza l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni preliminari fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ (A). Sussegwentement ngħaddi għall-evalwazzjoni tiegħi dwar il-mertu (B) billi, l-ewwel, nagħmel xi osservazzjonijiet preliminari dwar id-distinzjoni b'mod iktar ġenerali bejn regoli obbligatorji u fakultattivi li jirregolaw kuntratti (B.1), qabel ma ndur għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 (B.2).

22. Abbażi ta' din l-analiżi wasalt għall-konklużjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni tagħti deċiżjoni preliminari f'din il-kawża u li l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 għandu jiġi interpretat bħala regola fakultattiva, biex b'hekk il-partijiet fil-kuntratt ta' aġenzija jkunu jistgħu jimmodifikaw jew jeskludu l-applikazzjoni tiegħu.

A. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

23. Skont l-Artikolu 1(2) tagħha, id-Direttiva 86/653 tapplika għal aġenti kummerċjali li l-attivitajiet tagħhom jinvolvu, b'mod partikolari, in-negozjar jew il-konklużjoni ta' "[i]l-bejgħ jew ix-xiri ta' merkanzija". Madankollu, kif intwera fil-punt 7 ta' dawn il-konklużjonijiet, jidher li s-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex dwar il-bejgħ ta' merkanzija iżda pjuttost il-bejgħ ta' servizzi (finanzjarji). Għalhekk, wieħed jista' jsaqsi jekk il-Qorti tal-Ġustizzja għandhiex ġurisdizzjoni tagħti deċiżjoni preliminari f'dan il-każ [11], ġaladarba d-Direttiva 86/653 ma tapplikax għaċ-ċirkustanzi li minnhom oriġinat it-tilwima fil-kawża prinċipali [12].

24. Minkejja dan, kif indikat minn Rigall Arteria Management, mill-Gvern Ġermaniż u mill-Kummissjoni, jidher li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għad-domandi magħmula f'dan il-każ tista' tiġi stabbilita abbażi tal-ġurisprudenza tal-kawża Dzodzi [13].

25. Bl-applikazzjoni ta' dik il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, meta leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 86/653 tadotta soluzzjoni waħda għat-tipi kollha ta' kuntratti ta' aġenzija, hija jkollha ġurisdizzjoni tinterpreta din id-direttiva wkoll jekk il-każ

[11] Tajjeb wieħed jinnota li, anki jekk is-sensiela ta' kuntratti ta' aġenzija inkwistjoni ġew konklużi qabel l-adeżjoni tal-Polonja fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 (ara l-punt 6 ta' dawn il-konklużjonijiet), ma tqajmux kwistjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk id-Direttiva 86/653 kinitx tapplika *ratione temporis* għal din il-kawża. Fi kwalunkwe każ, dan ma jidhirlix li huwa ta' problema fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja minħabba li l-effetti legali ta' dawk il-kuntratti ta' aġenzija komplew wara dik id-data. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-3 ta' Lulju 2019, UniCredit Leasing (C-242/18, EU:C:2019:558, punt 32). Tabilħaqq, fil-kuntest tad-Direttiva 86/653, il-Qorti tal-Ġustizzja ma qalet xejn dwar dan fil-ġurisprudenza tagħha dwar fatti komuni kemm qabel kif ukoll wara l-adeżjoni. Ara s-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Unamar (C-184/12, EU:C:2013:663, punt 20); ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Centrosteel (C-456/98, EU:C:2000:137, punti 21 sa 25).

[12] Ara, f'dan ir-rigward, id-digriet tas-6 ta' Marzu 2003, Abbey Life Assurance (C-449/01, mhux ippubblikat, EU:C:2003:133, punti 13 sa 20) (dwar assigurazzjoni fuq il-ħajja, annwalitajiet u tfaddil); is-sentenzi tat-3 ta' Diċembru 2015, Quenon K. (C-338/14, EU:C:2015:795, punt 16) (dwar servizzi bankarji u assigurazzjoni) u tas-17 ta' Mejju 2017, ERGO Poisťovňa (C-48/16, EU:C:2017:377, punt 28) (dwar servizzi ta' assigurazzjoni).

[13] Minħabba l-ewwel kawża li tat lok għal din il-linja stabbilita ta' ġurisprudenza: ara s-sentenza tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi (C-297/88 u C-197/89, EU:C:1990:360, punti 36 sa 43).

joriġina mis-sitwazzjoni li tkun tirrigwarda servizzi u mhux oġġetti. Ġurisdizzjoni stabbilita f'tali każijiet titqies li hija fl-interess tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni sabiex tantiċipa differenzi ta' interpretazzjoni futuri [14].

26. Barra minn dan, kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja f'ġurisprudenza reċenti lil hinn mill-kuntest tad-Direttiva 86/653, interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni tkun iġġustifikata fejn tali dispożizzjonijiet ikunu saru applikabbli għal tali sitwazzjonijiet permezz tad-dritt nazzjonali direttament u inkundizzjonatament, biex jiġi żgurat li dawk is-sitwazzjonijiet u sitwazzjonijiet ekwivalenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jiġu ttrattati bl-istess mod [15].

27. F'dan il-każ huwa evidenti mill-informazzjoni mogħtija mill-qorti tar-rinviju bi tweġiba għal talba għal informazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja li, bit-traspożizzjoni tad-Direttiva 86/653 fid-dritt domestiku (fil-Kodiċi Ċivili) tiegħu, il-leġiżlatur Pollakk esprima l-intenzjoni tiegħu li jittratta kuntratti ta' aġenzija relatati ma' merkanzija u servizzi b'mod uniformi fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet derivanti mid-dritt tal-Unjoni.

28. Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li l-liġi Pollakka għamlet l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 direttament u inkundizzjonatament applikabbli għas-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali u li huwa fl-interess tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar it-talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju.

29. Għalhekk, jiena tal-opinjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni tagħti deċiżjoni preliminari f'dan il-każ.

B. Fuq il-mertu

1. Osservazzjonijiet preliminari dwar id-distinzjoni bejn regoli obbligatorji u fakultattivi

30. Liġijiet dwar kuntratti tal-Istati Membri jagħmlu distinzjoni bejn regoli obbligatorji u fakultattivi li jkunu relatati mad-drittijiet u mal-obbligi sostantivi tal-partijiet fil-kuntratt [16]. Fil-qosor, regoli obbligatorji ma jippermettux deroga u, għalhekk, ma jistgħux jitħallew barra minn kuntratt mill-partijiet fil-kuntratt filwaqt li regoli fakultattivi ma għandhomx bżonn isiru parti mill-kuntratt jekk il-partijiet ikunu jixtiequ jorganizzaw ir-relazzjoni tagħhom b'mod differenti.

[14] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tas-16 ta' Marzu 2006, Poseidon Kartaing (C-3/04, EU:C:2006:176, punti 11 sa 19); tat-28 ta' Ottubru 2010, Volvo Car Germany (C-203/09, EU:C:2010:647, punti 23 sa 28); tas-17 ta' Ottubru 2013, Unamar (C-184/12, EU:C:2013:663, punti 30 u 31); tat-3 ta' Diċembru 2015, Quenon K. (C-338/14, EU:C:2015:795, punti 17 sa 19) u tas-17 ta' Mejju 2017, ERGO Poist'ovňa (C-48/16, EU:C:2017:377, punti 29 sa 32). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tanchev fil-kawża The Software Incubator (C-410/19, EU:C:2020:1061, punt 45 u nota ta' qiegħ il-paġna 39).

[15] Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2019, G.S. u V.G. (Theddida għall-ordni pubbliku) (C-381/18 u C-382/18, EU:C:2019:1072, punt 43) u tat-30 ta' Jannar 2020, I.G.I. (C-394/18, EU:C:2020:56, punt 48). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pikamäe fil-kawża Deutsche Post *et* (C-203/18 u C-374/18, EU:C:2019:502, punti 43 sa 62); il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża J & S Service (C-620/19, EU:C:2020:649, punti 27 sa 96) u l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi BALTIJAS STARPTAUTISKĀ AKADĒMIJA u STOCKHOLM SCHOOL OF ECONOMICS IN RIGA (C-164/21 u C-318/21, EU:C:2022:333, punti 57 sa 64).

[16] Ara, pereżempju, Hesselink, M.W., "Non-Mandatory Rules in European Contract Law", *European Review of Contract Law*, Vol. 1, 2005, p. 44; Grigoleit, H.C., "Mandatory Law (Fundamental Regulatory Principles)", f'Basedow, J. *et al*., *Max Planck Encyclopedia of European Private Law*, Oxford University Press, Oxford, 2012.

31. Barra minn dan, ħafna sistemi legali jirrikonoxxu tipi differenti ta' regoli obbligatorji u fakultattivi [17]

32. Regoli obbligatorji jistgħu jkunu obbligatorji kompletament, li jfisser li l-partijiet ma jkunux jistgħu jidderogaw minnhom. Jistgħu jkunu wkoll semi-obbligatorji, f'liema każ jista' jkun hemm eżenzjoni milli jiġu applikati tali regoli, iżda biss taħt ċerti kondizzjonijiet. Regoli semi-obbligatorji jistgħu, ngħidu aħna, jippermettu derogi li jkunu fl-interess tal-parti iktar dgħajfa jew li jippreservaw il-qofol tar-regola, jew ċertu minimu impost mil-leġiżlatur.

33. B'mod simili, ma hemmx biss tip wieħed ta' regola fakultattiva. Komunement, skont tali terminu, nirreferu għall-hekk imsejħa regoli supplimentari jew klassiċi prestabbiliti. Tali regoli fakultattivi jservu biex jimtlew il-lakuni li l-partijiet iħallu vojta fil-kuntratt billi, b'intenzjoni jew mingħajrha, iħallu ċerti aspetti tar-relazzjoni kuntrattwali tagħhom barra minn regolamentazzjoni. Madankollu hemm ukoll tipi oħra ta' regoli fakultattivi. Fosthom hemm regoli mudell li jservu bħala għajnuna fl-abbozzar tal-kuntratt, li jkunu jindikaw soluzzjonijiet possibbli dwar kif il-partijiet ikunu jistgħu jsolvu ċerti kwistjonijiet. Jidher li tali regoli mudell jaqgħu taħt mill-inqas żewġ kategoriji: l-ewwel, jistgħu joffru lill-partijiet lista ta' għażliet filwaqt li ma jipprekludux oħrajn (li nirreferi għalihom bħala regola fakultattiva ta' mudell miftuħ) u, it-tieni, jistgħu jillimitaw lill-partijiet biss fir-rigward tal-għażliet stabbiliti speċifikament hemmhekk.

34. Fl-aħħar nett, huwa importanti li jiġi nnotat li liġijiet nazzjonali dwar kuntratti jużaw tekniki differenti biex jindikaw jekk regoli partikolari jkunux obbligatorji jew fakultattivi, u ta' liema tip. Dawk il-liġijiet sikwit ma jkunu jgħidu xejn dwar in-natura legali ta' regola partikolari u jħallu lill-qrati jiċċaraw tali kwistjonijiet.

35. Id-Direttiva 86/653 ma hijiex eċċezzjoni għad-deskrizzjoni ta' hawn fuq. Fiha tipi differenti ta' regoli obbligatorji u fakultattivi u tuża tekniki differenti biex tiddeskrivi n-natura tagħhom [18].

36. Fil-każ ta' regoli obbligatorji, ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 86/653 jgħidu espliċitament li ebda deroga ma hija permessa lill-partijiet [19]. Xi dispożizzjonijiet huma, madankollu, ta' natura semi-obbligatorja. Jew jimponu regoli minimi li minnhom il-partijiet ma jistgħux jidderogaw [20] jew jippermettu lill-partijiet jidderogaw, iżda biss jekk dan ma jkunx għad-detriment tal-aġent kummerċjali [21]. Xi derogi huma permessi biss wara li l-kuntratt ikun skada u, għalhekk, ma jkunux jistgħu jiġu miftiehma minn qabel [22].

[17] Ara, f'dan ir-rigward, Hesselink, msemmi fin nota ta' qiegħ il-paġna 16 ta' dawn il-konklużjonijiet, p. 56-61.

[18] Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger fil-kawża Ingmar (C-381/98, EU:C:2000:230, punti 81 sa 91) u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Agro Foreign Trade & Agency (C-507/15, EU:C:2016:809, punti 36 u 37).

[19] Ara d-Direttiva 86/653, Artikolu 5 ("Il-partijiet ma jistgħux jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 3 u 4."); l-Artikolu 13(1) ("Twarrib ta' dan id-dritt m'għandux ikun permissibbli.").

[20] Ara d-Direttiva 86/653, Artikolu 15(2) ("Il-partijiet ma jistgħux jiftiehmu fuq perjodi iqsar ta' notifika.").

[21] Ara d-Direttiva 86/653, Artikolu 10(4) ("M'għandux ikun permess ftehim għal deroga mill-paragrafi 2 u 3 għad-detriment ta' l-aġent kummerċjali."); Artikolu 11(3) ("M'għandux ikun permess ftehim għal deroga mill-paragrafu 1 għad-detriment ta' l-aġent kummerċjali."); Artikolu 12(3) ("Ftehim għal deroga mill-paragrafi 1 u 2 għad-detriment ta' l-aġent kummerċjali m'għandux ikun permissibbli").

[22] Ara d-Direttiva 86/653, Artikolu 19 ("Il-partijiet ma jistgħux jidderogaw mill-Artikoli 17 u 18 għad-detriment ta' l-aġent kummerċjali qabel ma l-kuntratt ta' l-aġenzija jiskadi").

37. Meta niġu għal regoli fakultattivi, xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 86/653 jindikaw b'mod ċar li r-regoli stabbiliti fid-dispożizzjoni rilevanti huma regoli prestabbiliti, li għandhom jiġu applikati fl-assenza ta' kwalunkwe ftehim bejn il-partijiet dwar il-materja [23].

38. Fl-aħħar nett, xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 86/653 ma jgħidu xejn dwar in-natura obbligatorja jew fakultattiva tagħhom [24]. Dan huwa hekk fir-rigward tal-Artikolu 7(1)(b) ta' din id-direttiva, li l-interpretazzjoni tiegħu hija inkwistjoni f'din il-kawża. Fil-fatt, id-Direttiva 86/653 hija siekta dwar in-natura tal-Artikolu 7 tagħha fl-intier tiegħu.

2. Interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653

a) Formulazzjoni

39. Biex infakkar, il-kwistjoni f'din il-kawża hija jekk il-partijiet fil-kuntratt ta' aġenzija jistgħux jew le jħallu barra mill-kuntratt ir-regola tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653, li tagħti d-dritt lil aġent kummerċjali għal kummissjoni għal tranżazzjonijiet imtennija.

40. Fil-fehma tiegħi, u minkejja l-assenza ta' kwalunkwe indikazzjoni espliċita dwar in-natura obbligatorja jew fakultattiva tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653, dan il-każ huwa wieħed mill-eżempji rari li fihom ir-risposta għad-domanda tal-qorti tar-rinviju tista' tiġi dedotta mill-formulazzjoni tad-dispożizzjoni li tagħha qiegħda tintalab l-interpretazzjoni.

41. Kif jidher mill-punt 4 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 86/653 jipprovdi li, tul il-perijodu kopert mill-kuntratt ta' aġenzija, aġent kummerċjali jkun intitolat għal kummissjoni:

"(a) meta l-operazzjoni [t-tranżazzjoni] tkun ġiet konkluża bħala riżultat ta' l-azzjoni tiegħu; *jew*

(b) meta l-operazzjoni [t-tranżazzjoni] tkun konkluża ma' parti terza li jkun qabel akkwista bħala klijent għall-operazzjonijiet ta' l-istess tip." [25]

42. Jista' jiġi dedott mill-użu tal-kelma "jew" f'din id-dispożizzjoni li aġent kummerċjali jista' jkun intitolat għal wieħed miż-żewġ tipi ta' kummissjoni li jissemmew fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 86/653 [26].

43. Kliem, fil-fehma tiegħi, ma għandhom ebda tifsira barra mill-kuntest li fih jintużaw. Il-formulazzjoni tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 li, għalhekk, ma tistax tinqara separatament mill-Artikolu 7(1)(a) tagħha, tissuġġerixxi li din id-dispożizzjoni għandha regola fakultattiva ta' mudell miftuħ (ara l-punt 33 ta' dawn il-konklużjonijiet).

[23] Ara d-Direttiva 86/653, Artikolu 6(1) ("Fl-assenza ta' kull ftehim dwar din il-materja bejn il-partijiet […]"); Artikolu 15(5) ("Sakemm ma jkunx ġie miftiehem xort oħra mill-partijiet […]").

[24] Flimkien mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 86/653, dan huwa wkoll il-każ dwar, pereżempju, l-Artikoli 8, 9 u 10(1) tagħha.

[25] Enfasi miżjuda. Il-kelma "jew" tintuża f'verżjonijiet lingwistiċi oħra tad-Direttiva 86/653, bħal dik Ġermaniża, Spanjola, Franċiża, Kroata, Taljana, Portugiża u Slovena.

[26] Għandu jiġi nnotat li l-użu tal-kelma "jew" jidher f'dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva 86/653, li minnhom ebda waħda ma hija indikata bħala obbligatorja jew semi-obbligatorja. Ara l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 86/653; ara wkoll l-Artikoli 8 u 10(1) tagħha, li jistgħu jiġu interpretati bħala li jistabbilixxu regola mhux obbligatorja ta' mudell miftuħ. Għall-kuntrarju, ċerti dispożizzjonijiet indikati espressament fid-Direttiva 86/653 bħala obbligatorja jużaw il-kelma "u": ara l-Artikoli 11(1) u 17(2)(a) tad-Direttiva 86/653; ara wkoll l-Artikolu 17(3) tagħha, li jirreferi għal "u/jew".

44. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 86/653 jagħti lill-partijiet suġġerimenti li minnhom huma jkunu jistgħu jagħżlu meta jikkonkludu l-kuntratt. Iż-żewġ soluzzjonijiet elenkati setgħu kienu ntgħażlu mil-leġiżlatur tal-Unjoni bħala l-modi l-iktar komuni li bihom tiddaħħal kummissjoni f'kuntratt fil-każ ta' kuntratti ta' aġenzija [27]. L-għażla bejn dawn il-modi tiffranka lill-partijiet spejjeż ta' tranżazzjoni li jinqalgħu meta jiġu nnegozjati kuntratti [28]. Madankollu, il-partijiet ma humiex marbuta b'dawn ir-regoli mudell, iżda jistgħu liberament jagħżlu mod differenti.

45. Peress li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 86/653 joffri biss suġġerimenti lill-partijiet, mhux talli din id-dispożizzjoni ma tikkwalifikax bħala regola obbligatorja, iżda wkoll ma tistax tinftiehem bħala regola fakultattiva prestabbilita. Dan minħabba li hija ma tistabbilixxi xejn li jirregola d-dritt ta' aġent kummerċjali għal kummissjoni li jista' jservi biex timtela lakuna fil-kuntratt jekk dan jitħalla miftuħ mill-partijiet [29]. Minflok, hija toffri għażla. Is-separazzjoni tal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 86/653 permezz ta' "jew" tagħmilha impossibbli għall-partijiet fil-kuntratt ta' aġenzija, jew għall-qorti li tkun qiegħda tiddeċiedi t-tilwima bejniethom, li jużaw din id-dispożizzjoni mingħajr qabel ma jagħmlu l-għażla fir-rigward tas-soluzzjonijiet li hija toffri.

46. Huwa minnu li "jew" tista' xi drabi jiġi interpretat bħala "u" [30]. Dan, madankollu, ma jagħmilx sens fil-każ tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 86/653. Il-formulazzjoni tal-punt (b) timplika li dak li huwa deskritt fil-punt (a) ikun diġà seħħ: ġiet konkluża tranżazzjoni b'riżultat ta' azzjoni diretta mill-aġent kummerċjali. Filwaqt li jista' jkun possibbli li aġent kummerċjali jikseb biss il-kummissjoni skont il-punt (a), ikun diffiċli (għalkemm mhux impossibbli) timmaġina aġent kummerċjali jikseb biss il-kummissjoni skont il-punt (b) għal klijenti li l-aġent "ikun qabel akkwista" għall-prinċipal, mingħajr ma tiġi preżunta kummissjoni għal tranżazzjonijiet konklużi ma dawk il-klijent b'riżultat tal-azzjoni diretta tal-aġent skont il-punt (a). Jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li joħloq id-dritt għal kummissjoni taħt il-punt (b), li jimplika wkoll il-kummissjoni taħt il-punt (a) – li jkun hemm żewġ sentenzi diviżi b'"jew" ikun mod stramb kif tiġi espressa din l-intenzjoni.

47. Interpretazzjoni li tkun tippermetti li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 86/653 jinqara bħala sentenza waħda, li tagħti d-dritt lill-aġent kummerċjali għal kummissjoni kemm għal tranżazzjonijiet diretti kif ukoll għal dawk imtennija tkun, għalhekk, titlob li "jew" tinbidel f'"u", kif ukoll li ma jingħatax kas li l-punt (b) jimplika l-punt (a). Madankollu, anki hemmhekk, tali interpretazzjoni tkun qiegħda tibdel biss l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 86/653 f'regola waħda, mingħajr ma tiġi riżolta l-kwistjoni dwar jekk dik ir-regola tkunx obbligatorja jew fakultattiva.

[27] Dwar id-diffikultajiet li l-leġiżlatur jiffaċċja meta jkun qiegħed ifittex l-aħjar kontenut ta' regoli mhux obbligatorji, ara Hesselink, imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16 ta' dawn il-konklużjonijiet, p. 77-83. Dwar dan, metodu partikolari biex tinstab regola xierqa huwa metodu soċjoloġiku li jieħu inkunsiderazzjoni prattika eżistenti relatata ma' ċerti tipi ta' kuntratti. L-għażla tal-leġiżlatur tista' tirrifletti wkoll il-fehma tiegħu dwar liema tip ta' regola tkun ekonomikament l-iktar effiċjenti jew liema regola tkun tirrifletti bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-partijiet f'sitwazzjonijiet tipiċi.

[28] Dwar l-importanza ta' regoli fakultattivi biex jiġu ffrankati spejjeż ta' tranżazzjonijiet, ara, pereżempju, Hesselink, imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16 ta' dawn il-konklużjonijiet, p. 46; Storme, M.E., "Freedom of Contract: Mandatory and Non-Mandatory Rules in European Contract Law", *European Review of Private Law*, Vol. 15, 2007, p. 233, f'p. 237-238.

[29] Għall-istess raġuni l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 ma jistax jiġi interpretat, kif isostnu Rigall Arteria Management u l-Gvern Pollakk, bħala regola semi-obbligatorja, li tippermetti deroga mill-partijiet biss jekk dak ikun favorevoli għall-aġent kummerċjali. Kif issuġġerejt jiena, il-possibbiltà skont din id-dispożizzjoni hija biss waħda mill-għażliet dwar kif għandha tiġi rregolata l-kummissjoni tal-aġent.

[30] Ara, l-iktar famuża, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Il-Kummissjoni vs Franza (C-304/02, EU:C:2005:444, punt 83), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-kelma "jew" f'dak li qabel kien l-Artikolu 228(2) KE (illum l-Artikolu 260(2) TFUE) ma tipprekludix l-impożizzjoni kemm ta' ħlas f'daqqa kif ukoll ta' ħlas ta' penali għall-istess ksur tad-dritt tal-Unjoni minn Stat Membru.

48. Interpretazzjoni tant flessibbli tad-dispożizzjoni inkwistjoni ma hijiex, kif ser nuri, iġġustifikata b'raġunijiet sistemiċi relatati mal-libertà kuntrattwali jew mill-għanijiet tad-Direttiva 86/653, bl-istorja leġiżlattiva tagħha jew bil-kuntest li fih jinsab l-Artikolu 7(1)(b) ta' din id-direttiva [31]. Fi kliem ieħor, dawn ir-raġunijet interpretattivi l-oħra, li issa ser ngħaddi għalihom, isostnu wkoll il-fehma li l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 għandu jiġi interpretat bħala regola fakultattiva.

b) Raġunijiet sistemiċi relatati mal-libertà kuntrattwali

49. Kif iddeċidiet konsistement il-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati fid-dawl tad-drittijiet fundamentali, li jagħmlu parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt li tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura l-osservanza u li llum huma stabbiliti fil-Karta tal-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem, il-"Karta") [32]. Fid-dawl ta' tali rekwiżit għal interpretazzjoni sistemika, irrid l-ewwel nosserva li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 bħala regola fakultattiva huwa konformi mal-prinċipju ta' libertà kuntrattwali.

50. Il-libertà kuntrattwali, skont kif invokata minn Bank Handlowy u l-Gvern Ġermaniż, tirrappreżenta prinċipju fundamentali tal-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali u tal-Unjoni. Hija rrikonoxxuta fl-Artikolu 16 tal-Karta bħala parti mil-libertà ta' intrapiża [33].

51. Kuntratti ta' aġenzija huma kuntratti kummerċjali (impriża ma' impriża), jiġifieri li kemm l-aġenti kummerċjali kif ukoll il-prinċipali jkunu imprendituri [34]. Għalhekk, relazzjonijiet ta' aġenzija kummerċjali huma bħala prinċipju rregolati mil-libertà kuntrattwali li tħares id-dritt taż-żewġ partijiet li joperaw negozju. Din il-libertà, li tinkludi l-awtonomija tal-partijiet li jiddeterminaw it-termini tal-kuntratt, ma hijiex assoluta u tista' tkun suġġetta għal limitazzjonijiet ġustifikati li, b'mod partikolari, għandhom ikunu previsti mil-liġi u jkunu proporzjonati, kif mitlub mill-Artikolu 52(1) tal-Karta [35].

52. F'din il-kawża, madankollu, ma hemmx dispożizzjoni tad-Direttiva 86/653 li turi b'mod ċar li l-Artikolu 7(1)(b) ta' din id-direttiva huwa intiż li jillimita l-libertà kuntrattwali.

[31] Kif iddeċidiet konsistentement iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, huwa neċessarju li jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss il-formulazzjoni tagħha iżda wkoll il-kuntest li fih isseħħ u l-għanijiet li għandhom jintlaħqu mir-regoli li tagħhom hija tkun tagħmel parti. Ara, pereżempju, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2017, Agro Foreign Trade & Agency (C-507/15, EU:C:2017:129, punt 27).

[32] Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-25 ta' Mejju 2016, Meroni (C-559/14, EU:C:2016:349, punt 45) u tal-21 ta' Diċembru 2021, Bank Melli Iran (C-124/20, EU:C:2021:1035, punt 70).

[33] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Bank Melli Iran (C-124/20, EU:C:2021:1035, punt 79). Kif indikat fl-Ispjegazzjonijiet tal-Karta, l-Artikolu 16 tal-Karta jikkodifika l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li diġà tirrikonoxxi li l-libertà kuntrattwali tagħmel parti mid-dritt tal-Unjoni. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2007, Société thermale d'Eugénie-Les-Bains (C-277/05, EU:C:2007:440, punt 28) u tal-5 ta' Ottubru 1999, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-240/97, EU:C:1999:479, punt 99); ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Thelen Technopark Berlin (C-261/20, EU:C:2021:620, punti 75 sa 84).

[34] Ara l-punt 17 ta' dawn il-konklużjonijiet. Skont l-evalwazzjoni tal-2015 tal-Kummissjoni tad-Direttiva 86/653, l-aġenti kummerċjali kważi kollha huma impriżi żgħar u medji ("SMEs") jew proprjetarji waħedhom, filwaqt li maġġoranza ta' prinċipali huma wkoll SMEs. Ara r-rapport REFIT, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10 ta' dawn il-konklużjonijiet, punti 3.2.3 u 6.

[35] Skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, jistgħu jiġu imposti limitazzjonijiet fuq l-eżerċizzju ta' drittijiet radikati mill-Karta sakemm il-limitazzjonijiet jiġu pprovduti mil-liġi, ikunu josservaw il-kontenut essenzjali ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet u, jkunu konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità, ikunu neċessarji u ġenwinament jirriflettu għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni Ewropea jew il-ħtieġa ta' protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' persuni oħra. Ara, pereżempju, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Bank Melli Iran (C-124/20, EU:C:2021:1035, punt 83).

53. Filwaqt li l-Kummissjoni saħqet waqt is-seduta li għanijiet ta' interess pubbliku, b'mod partikolari l-protezzjoni ta' aġenti kummerċjali bħala l-parti l-iktar dgħajfa għall-kuntratt ta' aġenzija, jiġġustifikaw restrizzjoni fuq il-libertà kuntrattwali tal-partijiet fir-rigward tal-kummissjoni li għaliha jsir provvediment fl-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653, xorta jibqa' l-fatt li ma hija pprovduta ebda tali ġustifikazzjoni fil-liġi rilevanti tal-Unjoni konformement mal-Artikolu 52(1) tal-Karta. Barra minn hekk, tali limitazzjoni la tidher li hija neċessarja u lanqas ma tidher li hija xierqa għall-protezzjoni ta' aġenti kummerċjali fis-sitwazzjonijiet kollha possibbli, hekk kif ser jiġi spjegat iktar 'il quddiem (ara l-punti 63 u 65 ta' dawn il-konklużjonijiet).

54. F'dawk iċ-ċirkustanzi ma hemmx bażi legali fid-Direttiva 86/653 biex l-Artikolu 7(1)(b) tagħha jiġi interpretat bħala regola obbligatorja jew semi-obbligatorja fl-assenza ta' kwalunkwe limitazzjoni debitament iġġustifikata imposta, konformement mal-Artikoli 16 u 52(1) tal-Karta, fuq il-libertà kuntrattwali tal-partijiet b'rabta mal-libertà fl-għażla tax-xorta ta' kommissjoni.

c) Għanijiet

55. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 bħala regola fakultattiva ma hijiex f'konflitt mal-għanijiet li għandhom jintlaħqu minn din id-direttiva.

56. Jista' jkun il-każ li l-evalwazzjoni li aġenti kummerċjali huma l-partijiet l-iktar dgħajfa f'kuntratti ta' aġenzija influwenzat l-għażla tal-leġiżlatur tal-Unjoni biex jiddaħħlu dispożizzjonijiet obbligatorji fid-Direttiva 86/653. Madankollu, il-protezzjoni ta' aġenti kummerċjali ma hijiex l-uniku għan, jew anki l-għan ewlieni, ta' din id-direttiva [36]. Fi kwalunkwe każ, il-fatt li tħassib dwar il-pożizzjoni l-iktar dgħajfa ta' aġenti kummerċjali influwenza l-għażla ta' ċerti soluzzjonijiet tul il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ma jistax iwassal għall-konklużjoni, kif tissuġġerixxi l-Kummissjoni, li d-Direttiva 86/653 fiha biss regoli obbligatorji li l-għan tagħhom huwa li jiġu protetti aġenti kummerċjali.

57. Huwa ċar mit-tieni u mit-tielet premessa tad-Direttiva 86/653 li l-għan ewlieni ta' din id-direttiva huwa li jinħoloq suq intern għal aġenzija kummerċjali u li jitneħħew l-ostakoli għall-attivitajiet transkonfinali ta' aġenti kummerċjali u ta' prinċipali [37]. B'rabta ma' dan, kif diġà semmejt f'konklużjonijiet preċedenti [38], indikazzjoni waħda tar-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li tista' tiġi oġġettivament ikkonstatata fid-dritt tal-Unjoni hija l-għażla tal-bażi legali għall-att inkwistjoni. Id-Direttiva 86/653 ġiet adottata fuq bażijiet legali doppji tas-suq intern (ara l-punt 18 ta' dawn il-konklużjonijiet). Dan jindika li l-idea prinċipali wara din id-direttiva hija li jitneħħew l-ostakoli għal kuntratti ta' aġenzija transkonfinali [39].

[36] Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-3 ta' Diċembru 2015, Quenon K. (C-338/14, EU:C:2015:795, punt 23); tas-16 ta' Frar 2017, Agro Foreign Trade & Agency (C-507/15, EU:C:2017:129, punt 29) u tas-16 ta' Settembru 2021, The Software Incubator (C-410/19, EU:C:2021:742, punt 48).

[37] It-tieni u t-tielet premessa tad-Direttiva 86/653 jipprovdu s-segwenti:
"Billi d-differenzi fil-liġijiet nazzjonali li jikkonċernaw ir-rappreżentanza kummerċjali sostanzjalment jaffettwaw il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u t-twettiq ta' dik l-attività fil-Komunità u huma ta' ħsara kemm għal protezzjoni disponibbli għal aġenti kummerċjali vis-à-vis il-prinċipali tagħhom u kemm għas-sigurtà ta' operazzjonijiet kummerċjali; billi barra minnhekk dawk id-differenzi huma tali li jipprevienu sostanzjalment il-konklużjoni u l-operazzjoni ta' kuntratti ta' rappreżentanza kummerċjali meta l-prinċipal u l-aġenti kummerċjali jkunu stabbiliti fi Stati Membri differenti";
"Billi l-kummerċ fil-merkanzija bejn Stati Membri għandu jitwettaq taħt il-kundizzjonijiet li huma simili għal dawk ta' suq wieħed, u dan jeħtieġ l-approssimazzjoni tas-sistemi legali ta' l-Istati Membri sal-limitu meħtieġ għal funzjonament kif suppost tas-suq komuni; billi f'dan ir-rigward ir-regoli li jikkonċernaw konflitti fil-liġijiet fil-fatt ma jneħħux, fil-materja ta' rappreżentanza kummerċjali, l-inkonsistenzi msemmija fuq, lanqas ma kienu li kieku saru l-istess, u għalhekk l-armonizzazzjoni proposta hija neċessarja minkejja l-eżistenza ta' dawk ir-regoli".

[38] Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (PDO "Feta") (C-159/20, EU:C:2022:198, punt 64).

[39] Ara, f'dan ir-rigward, ir-rapport REFIT, imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10 ta' dawn il-konklużjonijiet, punt 3.1.

58. Dan l-għan jinkiseb billi jitneħħew "id-differenzi fil-liġijiet nazzjonali", irrikonoxxuti bħala l-ostakolu prinċipali fit-tieni premessa tad-Direttiva 86/653. L-offerta lill-partijiet f'kuntratti ta' aġenzija ta' sett ta' regoli armonizzati (obbligatorji, semi-obbligatorji, prestabbiliti jew mudell) mal-Unjoni kollha hija, għalhekk, il-metodu magħżul mil-leġiżlatur tal-Unjoni biex aġenti kummerċjali u prinċipali fi Stati Membri differenti jsibuha faċli jidħlu għal kuntratti ta' aġenzija transkonfinali [40].

59. Meta jkun qiegħed jiġi deċiż dwar il-kontenut xieraq ta' regoli armonizzati, li tiġi żgurata l-protezzjoni ta' aġenti kummerċjali bħala l-parti l-iktar dgħajfa f'kuntratti ta' aġenzija tista', u għandha, tittieħed inkunsiderazzjoni mil-leġiżlatur tal-Unjoni [41]. Dan, madankollu, ma jfissirx li tali protezzjoni hija, u lanqas ma tista' tkun taħt id-diviżjoni attwali ta' kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, għan awtonomu tad-Direttiva 86/653 [42].

60. Għaldaqstant, il-protezzjoni adegwata ta' aġenti kummerċjali ġiet irrikonoxxuta mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala interess leġittimu [43]. Għalhekk, il-protezzjoni ta' aġenti kummerċjali hija waħda mill-għanijiet inerenti fis-sistema tad-Direttiva 86/653.

61. Li tiġi indirizzata l-pożizzjoni l-iktar dgħajfa tal-partijiet isservi biex jiġi stabbilit mill-ġdid il-bilanċ ekonomiku fir-relazzjoni legali bejn aġenti kummerċjali u prinċipali [44]. Intervent leġiżlattiv huwa, għalhekk, neċessarju f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn il-leġiżlatur jikkonsidra li jkun hemm falliment importanti tas-suq [45].

62. Il-Gvern Pollakk u l-qorti tar-rinviju ssuġġerew li jeżisti tali falliment fis-suq tal-aġenzija kummerċjali fil-Polonja. Huma indikaw li dak is-suq huwa kkaratterizzat b'asimetrija li fiha prinċipali huma f'qagħda li joffru kuntratti ta' formola standard lil aġenti mingħajr ma jagħtuhom il-possibbiltà jinnegozjaw it-termini kuntrattwali.

63. Għalkemm din tista' jkun tipika tal-aġenzija kummerċjali Pollakka, jew għall-inqas, ta' dak is-suq fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, id-Direttiva 86/653 ma tistax tiġi interpretata biss biex tkun taqbel mas-suq ta' Stat Membru wieħed. Għalhekk, huwa possibbli li jiġi kkunsidrat li kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni sab tali asimetrija fis-setgħa ta' negozjar bejn aġenti kummerċjali u prinċipali mal-Unjoni kollha, huwa kien jindirizzaha b'mod xieraq. Li jiġini f'moħħi hija, pereżempju, in-

[40] L-importanza tal-għan tas-suq intern li għandu jintlaħaq mid-Direttiva 86/653 ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja. Ara, pereżempju, is-sentenza tat-30 ta' April 1998, Bellone (C-215/97, EU:C:1998:189, punt 17), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-kuntest ta' konstatazzjoni li regoli nazzjonali dwar ir-reġistrazzjoni ta' kuntratti ta' aġenzija kienu inkonsistenti ma' din id-direttiva, li dawk ir-regoli "setgħu jostakolaw sensibbilment il-konklużjoni u l-eżekuzzjoni ta' kuntratti ta' aġenzija bejn partijiet stabbiliti f'diversi Stati Membri". [traduzzjoni mhux uffiċjali].

[41] Ara, f'dan ir-rigward, il-ħames premessa tad-Direttiva 86/653 li tirreferi għal "il-prinċipji" ta' dak li llum huwa l-Artikolu 151 TFUE dwar il-politika soċjali "fl-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw għal aġenti kummerċjali".

[42] Il-possibbiltà, jew anki l-obbligu, li l-leġiżlatur tal-Unjoni jieħu inkunsiderazzjoni preokkupazzjonijiet differenti (inklużi dawk li għall-armonizzazzjoni tagħhom l-Unjoni ma għandhiex kompetenza awtonoma) meta jadotta regoli għall-approssimazzjoni ta' liġijiet nazzjonali, bil-għan li jiġu żgurati l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern, ġiet ikkonfermata mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' dak li llum huwa l-Artikolu 114 TFUE. Ara, *inter alia*, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill ("Tobacco Advertising") (C-376/98, EU:C:2000:544), jew, iktar reċenti, is-sentenzi tal-4 ta' Mejju 2016, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-358/14, EU:C:2016:323) u tal-4 ta' Mejju 2016, Philip Morris Brands *et* (C-547/14, EU:C:2016:325).

[43] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tas-17 ta' Jannar 2008, Chevassus-Marche (C-19/07, EU:C:2008:23, punt 22); tad-19 ta' April 2018, CMR (C-645/16, EU:C:2018:262, punt 33) u tas-17 ta' Mejju 2017, ERGO Poist'ovňa (C-48/16, EU:C:2017:377, punt 41); ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża Honyvem Informazioni Commerciali (C-465/04, EU:C:2005:641, punt 31).

[44] Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża ERGO Poist'ovňa (C-48/16, EU:C:2017:15, punti 36 u 37).

[45] Ara, f'dan ir-rigward, Weatherill, S., "Why Object to the Harmonization of Private Law by the EC?", *European Review of Private Law*, Vol. 12, 2004, p. 633, f'p. 635. Ara wkoll Zamir, E. u Ayres, I., "A Theory of Mandatory Rules: Typology, Policy, and Design", *Texas Law Review*, Vol. 99, 2020, p. 283, f'p. 292.

nullità ta' termini kuntrattwali mhux innegozjati li jirriżultaw fi żbilanċ sinjifikattiv. Tali soluzzjoni, u jista' jkun hemm oħrajn, tkun tillimita inqas il-libertà kuntrattwali meta mqabbel ma' regola obbligatorja li ċċaħħad lil partijiet milli jinnegozjaw it-tip ta' kummissjoni.

64. Barra minn hekk, kif ġie indikat mill-Gvern Ġermaniż, is-sistemi legali tal-Istati Membri fihom prinċipji li jagħtu protezzjoni ġenerali tal-partijiet f'kuntratti meta l-bilanċ bejniethom ikun sinjifikattivament mhux ugwali. Tali regoli jkunu japplikaw għal aġenti kummerċjali f'sitwazzjonijiet fejn, pereżempju, huma jkunu ġew miċħuda b'mod eċċessiv minn kummissjoni.

65. Ulterjorment, wieħed ma għandux jinsa li d-Direttiva 86/653 tirregola firxa wiesgħa ta' realtajiet kummerċjali possibbli, li fihom l-interessi kemm ta' aġenti kummerċjali kif ukoll ta' prinċipali jistgħu jkunu differenti [46] L-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 bħala regola obbligatorja tista' ma tkunx protettiva għal aġenti kummerċjali f'ċerti tipi ta' relazzjonijiet ta' aġenzija. Madankollu, li kieku din id-dispożizzjoni kellha tiġi interpretata bħala obbligatorja, hija tkun tipprekludi lill-aġenti kummerċjali u lill-prinċipali milli jsibu s-soluzzjoni li tkun l-iktar xierqa għall-kuntratt tagħhom.

66. Għalhekk, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 bħala regola obbligatorja ma twassalx neċessarjament biex aġenti kummerċjali jkunu protetti u tista', kif indika Bank Handlowy, tfixkel il-funzjonament tas-suq ta' aġenzija kummerċjali. Prinċipali li ma jkunux ħadu kont fil-kalkolu tagħhom tal-bżonn li jħallsu l-kummissjoni inkwistjoni jistgħu jmorru għal soluzzjonijiet oħra, bħal, pereżempju, inaqqsu r-rata ta' kummissjoni bażika, jillimitaw jew jeskludu l-ispejjeż magħmula minn aġenti kummerċjali li jiġu rrimborsati mill-prinċipal jew jadottaw elementi oħra ta' remunerazzjoni, jew li b'ebda mod ma jibqgħu jużaw aġent kummerċjali.

67. Fl-aħħar u b'mod importanti, għandu jiġi nnotat ukoll li aġenti kummerċjali huma protetti mhux biss b'regoli obbligatorji, iżda wkoll biċ-ċertezza legali [47] miġjuba mir-regoli armonizzati [48]. Kjarifika tan-natura tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 għandha, għalhekk, tikkontribwixxi għall-objettivi li għandhom jintlaħqu minn din id-direttiva, sew jekk din id-dispożizzjoni tiġi interpretata bħala obbligatorja sew jew tiġi interpretata bħala fakultattiva.

d) Storja leġiżlattiva

68. L-istorja leġiżlattiva tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 ukoll timmilita favur l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni bħala fakultattiva.

69. Kif turi l-ġurisprudenza dwar id-Direttiva 86/653 [49], il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-istorja leġiżlattiva ta' miżura tal-Unjoni hija siewja biex wieħed jagħraf l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li tkun il-bażi ta' dik il-miżura jew dispożizzjoni partikolari tagħha. Dan huwa l-każ,

[46] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, Trendsetteuse (C-828/18, EU:C:2020:438, punt 30).

[47] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2009, Semen (C-348/07, EU:C:2009:195, punt 31).

[48] Dwar fehmiet li jikkonfermaw li jista' jkun hemm l-intenzjoni li l-armonizzazzjoni tintlaħaq permezz ta' regoli fakultattivi, ara, pereżempju, Hesselink, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16 ta' dawn il-konklużjonijiet; Storme, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28 ta' dawn il-konklużjonijiet; Gutman, K., *The Constitutional Foundations of European Contract Law: A Comparative Analysis*, Oxford University Press, Oxford, 2014.

[49] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tat-30 ta' April 1998, Bellone (C-215/97, EU:C:1998:189, punti 11 u 16), u tat-28 ta' Ottubru 2010, Volvo Car Germany (C-203/09, EU:C:2010:647, punt 40); id-digriet tas-6 ta' Marzu 2003, Abbey Life Assurance (C-449/01, mhux ippubblikat, EU:C:2003:133, punt 15). Ara wkoll, *inter alia*, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Quenon K. (C-338/14, EU:C:2015:503, punt 39) u konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Agro Foreign Trade & Agency (C-507/15, EU:C:2016:809, punti 48 sa 54).

b'mod partikolari, meta dispożizzjoni inkwistjoni tkun saritilha bidla matul il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet li minnu tkun tista' tiġi dedotta l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni, bħalma huwa l-każ hawnhekk.

70. Fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni [50], l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 86/653 deher bħala abbozz bl-Artikolu 12(1) [51]. Din l-aħħar dispożizzjoni ġiet inkluża f'lista speċifika ta' dispożizzjonijiet obbligatorji tal-Proposta għal direttiva, liema lista kienet stabbilita fl-abbozz tal-Artikolu 35, li kien jgħid li "[k]walunkwe stipulazzjoni li biha l-partijiet jidderogaw, b'detriment għall-aġent, mid-dispożizzjonijiet li jmiss imsemmija iktar 'l isfel tkun nulla" [52]. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

71. Fl-opinjoni tiegħu dwar il-proposta [53], il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew enfasizza, b'mod partikolari, li l-abbozz tal-Artikolu 35 kien fundamentali għad-Direttiva fl-intier tagħha, inkwantu jispeċifika l-portata u l-limiti tal-libertà tal-partijiet li jimmanuvraw fi ħdan ir-relazzjoni tal-aġenzija u, għalhekk, kellu jibqa' fid-direttiva proposta.

72. Għall-kuntrarju, fl-ewwel qari tal-proposta [54], il-Parlament Ewropew ikkunsidra li l-lista twila ta' dispożizzjonijiet obbligatorji li kien hemm fl-abbozz tal-Artikolu 35 kienet tagħmel id-direttiva proposta wisq inflessibbli u talab li dik id-dispożizzjoni terġa' tiġi abbozzata mill-ġdid.

73. Konsegwentement, fil-proposta riveduta tal-Kummissjoni [55] l-abbozz tal-Artikolu 35 "tqassar biex jitħalla jkun hemm iktar flessibbiltà" [traduzzjoni mhux uffiċjali], b'diversi dispożizzjonijiet imneħħija. Għalhekk, il-lista ta' dispożizzjonijiet obbligatorji stabbilita fil-verżjoni riveduta ta' din id-dispożizzjoni kienet tagħmel riferiment, b'mod partikolari, għall-kummissjoni msemmija fil-punt (a) tal-abbozz tal-Artikolu 12(1), u mhux iktar għall-punti l-oħra, inkluża l-kummissjoni għal tranżazzjonijiet imtennija msemmja fil-punt (b) ta' din id-dispożizzjoni [56].

[50] Ara Il-Kummissjoni, Ugwaljanza ta' drittijiet għal aġenti kummerċjali. Proposta għal direttiva tal-Kummissjoni dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardjaw aġenti kummerċjali (li jaħdmu għal rashom), COM(76) 670, tat-13 ta' Diċembru 1976 (iktar 'il quddiem, il-"Proposta").

[51] L-abbozz tal-Artikolu 12(1) kien jipprovdi: "L-aġent kummerċjali għandu jkun intitolat għal kommissjoni fuq operazzjonijiet kummerċjali konklużi tul il-perjodu kopert bil-kuntratt ta' l-aġenzija:
(a) meta l-operazzjoni tkun ġiet akkwistata mill-aġent kummerċjali, jew
(b) meta l-operazzjoni tkun konkluża ma' parti terza li l-aġent ikun innegozja jew ftiehem magħha qabel dwar operazzjoni konformi mat-termini tal-aġenzija tiegħu, jew
(c) meta l-aġent kummerċjali jinħatar biex ikopri żona ġeografika speċifika jew grupp speċifiku ta' nies u l-operazzjoni tiġi konkluża f'dik iż-żona ġeografika jew ma' persuna li tappartjeni għal dak il-grupp, minkejja li l-operazzjoni tkun ġiet innegozjata jew miftiehma xort'oħra milli mill-aġent kummerċjali." [traduzzjoni mhux uffiċjali] Ara l-Proposta, imsemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 50 ta' dawn il-konklużjonijiet, p. 10.

[52] Ara l-Proposta, imsemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 50 ta' dawn il-konklużjonijiet, abbozz tal-Artikolu 35(1), p. 16, u l-Kummentarju, p. 25-26.

[53] Ara Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw aġenti kummerċjali (li jaħdmu għal rashom), tal-24 ta' Novembru 1977 (ĠU 1978 C 59, p. 31), punti 2.9.6 sa 2.9.8.

[54] Ara Rapport tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (Dok. 514/76) għal Direttiva dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw aġenti kummerċjali (li jaħdmu għal rashom), Dikjarazzjoni ta' Spjegazzjoni, Dokument 222/78, tas-27 ta' Lulju 1978, punti 110 u 111, u r-Riżoluzzjoni li tinkorpora l-opinjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej lill-Kunsill għal Direttiva dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw aġenti kummerċjali (li jaħdmu għal rashom), tat-12 ta' Settembru 1978 (ĠU 1978 C 239, p. 18), punt 17.

[55] Ara Il-Kummissjoni, Emenda tal-Kummissojni għall-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw aġenti kummerċjali (li jaħdmu għal rashom), COM (78) 773 final, tat-22 ta' Jannar 1979 (iktar 'il quddiem il-"Proposta Riveduta"), Memorandum ta' Spjegazzjoni, p. 8-9, u abbozz tal-Artikolu 35(1), p. 21.

[56] Fil-Proposta Riveduta tal-Kummissjoni, l-abbozz tal-Artikolu 12(1) baqa' ma nbidilx ħlief għall-punt (b), li kien immodifikat skont is-segwenti: "meta l-operazzjoni tkun konkluża ma' parti terza li l-*aġent ikun akkwista qabel bħala klijent għal operazzjonijiet tal-istess tip*". [traduzzjoni mhux uffiċjali] Ara l-Proposta Riveduta, imsemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 55 ta' dawn il-konklużjonijiet, Memorandum ta' Spjegazzjoni, p. 4, u l-abbozz tal-Artikolu 12(1), p. 10-11.

74. Matul il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, kien hemm ftehim biex jitħassar ir-riferiment għall-punt (a) tal-abbozz tal-Artikolu 12(1) mil-lista ta' dispożizzjonijiet obbligatorji fl-abbozz tal-Artikolu 35[57]. Finalment, kienet ittieħdet id-deċiżjoni li jitħassar l-abbozz tal-Artikolu 35 fl-intier tiegħu u minflok jiġi speċifikat il-karattru obbligatorju tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva proposta fl-artikoli Speċifiċi[58]. Dan l-approċċ inżamm fil-verżjoni finali tad-Direttiva 86/653[59].

75. Konsegwentement, mit-tneħħija tad-dispożizzjoni korrispondenti mal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 mil-lista ta' dispożizzjonijiet obbligatorji li kien fl-abbozz tal-Artikolu 35 u mill-ftehim li tkun iddelineata n-natura obbligatorja tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva permezz ta' artikolu jista' jiġi dedott li, fl-assenza ta' indikazzjoni espressa f'dan is-sens, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma kienx jikkunsidra li l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 hija regola obbligatorja[60].

76. F'dan ir-rigward ma iniex persważ bl-argumenti magħmula minn Rigall Arteria Management, mill-Gvern Pollakk u mill-Kummissjoni li essenzjalment jikkontestaw ir-rilevanza tal-istorja leġiżlattiva tad-Direttiva 86/653 minħabba t-tibdiliet sinjifikattivi li kienu laħqu l-quċċata tagħhom fit-test finali ta' din id-direttiva, b'kuntrast mal-proposti tal-Kummissjoni, u mal-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien ħa approċċ differenti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 86/653, li huma jqisu li jissostanzja interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1)(b) ta' din id-direttiva bħala obbligatorju.

77. Huwa minnu li bosta dispożizzjonijiet tal-proposti oriġinali u riveduti tal-Kummissjoni ma jinsabux fid-Direttiva 86/653. Madankollu, dispożizzjonijiet li jikkorrispondu mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 86/653 dehru f'dawk iż-żewġ proposti[61]. Barra minn dan, il-fatt li l-formulazzjoni tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 86/653 ma kinitx f'dawk il-proposti iżda ġiet miżjuda wara

[57] Ara, f'dan ir-rigward, id-Dokument tal-Kunsill 6877/80, tas-6 ta' Mejju 1980, p. 16. Tajjeb li jiġi nnotat li, kif indikat f'ċerti dokumenti istituzzjonali maħruġa qabel, il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet tal-Istati Membri kienu favur il-karattru fakultattiv tal-abbozz tal-Artikolu 12, filwaqt li l-Kummissjoni kkunsidrat li dan kien ta' karattru obbligatorju, suġġett għal derogi fejn jixraq. Ara d-Dokument tal-Kunsill 7527/81, tat-23 ta' Ġunju 1981, p. 4. Wara dan, meta tneħħa l-abbozz tal-Artikolu 35, deher li l-maġġoranza tad-delegazzjonijiet tal-Istati Membri kienu favur li jispeċifikaw l-abbozz tal-Artikolu 12(1)(a) bħala obbligatorju. Ara, pereżempju, id-Dokument tal-Kunsill 7381/83, tad-9 ta' Ġunju 1983, p. 8, nota ta' qiegħ il-paġna 4; id-Dokument tal-Kunsill 7379/86, tal-4 ta' Ġunju 1986, p. 8, nota ta' qiegħ il-paġna 6. Madankollu, dan ma ġiex segwit fil-verżjoni finali tad-Direttiva 86/653.

[58] Ara, f'dan ir-rigward, id-Dokument tal-Kunsill 5442/82, tal-10 ta' Marzu 1982, p. 2; id-Dokument tal-Kunsill 7013/83, tat-18 ta' Mejju 1983, p. 5; id-Dokument tal-Kunsill 7778/83, tas-17 ta' Ġunju 1983, p. 9; id-Dokument tal-Kunsill 7379/86, tal-4 ta' Ġunju 1986, p. 22.

[59] Barra minn dan, kien hemm proposta mressqa minn ċerti Stati Membri dak iż-żmien (jiġifieri mir-Renju tad-Danimarka, bl-appoġġ tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq) biex tiddaħħal dispożizzjoni fid-Direttiva proposta biex tkun affermata l-libertà kuntrattwali u, b'hekk, biex ikun ċar li fejn dispożizzjoni speċifika tad-Direttiva proposta ma kinitx indikata bħala obbligatorja, il-partijiet kienu liberi jidderogaw minnha. Dik il-proposta ma ġietx segwita fit-test finali. Ara, f'dan ir-rigward, id-Dokument tal-Kunsill 7013/83, tat-18 ta' Mejju 1983, p. 5; id-Dokument tal-Kunsill 7251/83, tal-14 ta' Ġunju 1983, p. 7.

[60] Ta' min jinnota li, fir-rigward tal-kuntest storiku li fih seħħet id-Direttiva 86/653, il-Konvenzjoni ta' Benelux dwar l-Aġenzija Kummerċjali, iffirmata f'Den Haag fis-26 ta' Novembru 1973, iżda li ma kinitx daħlet fis-seħħ minħabba li r-Renju tal-Belġju u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu ma kinux irratifikawha, kienet tifforma l-bażi ta' diskussjonijiet fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar din id-direttiva. L-Artikolu 5(1) ta' din il-konvenzjoni, li kien jixbah l-abbozz tal-Artikolu 12(1) tal-proposti oriġinali u riveduti tal-Kummissjoni, ma kienx issemma fil-lista speċifika ta' dispożizzjonijiet obbligatorji tal-Artikolu 19 tagħha.

[61] Ara l-Proposta, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 50 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-abbozz tal-Artikolu 11, p. 10 u l-Kummentarju, p. 20. L-ewwel punt tal-abbozz tal-Artikolu 11 fil-parti l-kbira tiegħu jikkorrispondi mal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 86/653, u t-tieni subparagrafu tagħha mal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 86/653; it-tielet subparagrafu ta' dak l-abbozz tal-artikolu, li ma jidhirx fid-Direttiva 86/653, kien jgħid: "Kuntratti ta' aġenzija li jeskludu d-dritt tal-aġent għal kummissjoni jkunu invalidi". [traduzzjoni mhux uffiċjali] Ara wkoll il-Proposta Riveduta, imsemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 55 ta' dawn il-konklużjonijiet, Memorandum ta' Spjegazzjoni, p. 3, u l-abbozz tal-Artikolu 11, p. 10 (li jżid riferiment għal remunerazzjoni in natura u li jibdel l-ordni ta' ċerti punti).

fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet [62] ma jissostitwixxix jew jinvalida l-għażla li għamel il-leġiżlatur tal-Unjoni li jiddelinea n-natura obbligatorja tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva fl-artikoli partikolari – ħaġa li ma saritx għall-Artikolu 7(1)(b) tagħha.

e) Kuntest

78. L-interpretazzjoni proposta tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 bħala dispożizzjoni fakultattiva hija konsistenti ma' dispożizzjonijiet oħra ta' din id-direttiva.

79. Fid-dawl tal-istorja leġiżlattiva tad-Direttiva 86/653, u kif indikat minn Bank Handlowy u mill-Gvern Ġermaniż u minn dak Taljan, l-iskema ġenerali ta' din id-direttiva tindika li d-dispożizzjonijiet li minnhom il-partijiet ma jitħallewx jidderogaw huma stabbiliti b'mod preċiż u ddettaljat u n-natura obbligatorja tagħhom hija ddikjarata espressament fl-artikolu speċifiku. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 86/653 li jinsabu fil-Kapitolu III ta' din id-direttiva relatati ma' remunerazzjoni, kif jidher fl-Artikoli 10(4), 11(3) u 12(3) tagħha. Hemm ukoll dispożizzjonijiet simili li jinsabu f'kapitoli oħra tad-Direttiva 86/653 [63].

80. Dan jissuġġerixxi b'mod qawwi li r-regoli stabbiliti mid-Direttiva 86/653 li ma humiex espressament previsti bħala obbligatorji huma, bħala prinċipju, regoli fakultattivi [64]. Isegwi li, fl-assenza ta' tali indikazzjonijiet espressi fid-Direttiva 86/653, l-Artikolu 7(1)(b) ta' din id-direttiva għandu jiġi kkunsidrat bħala regola fakultattiva. Kif enfasizzat minn Bank Handlowy, jidher illoġiku li l-leġiżlatur tal-Unjoni jistabbilixxi sensiela ta' dispożizzjonijiet obbligatorji deskritti espressament fid-Direttiva 86/653 li kieku d-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-direttiva kienu ta' natura obbligatorja.

81. Rigall Arteria Management, il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni offrew, favur interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 bħala dispożizzjoni obbligatorja, argument li joriġina mill-Artikolu 6(3) tagħha. Din id-dispożizzjoni tgħid li "[l]-Artikoli 7 sa 12 m'għandhomx japplikaw jekk l-aġent kummerċjali ma jkunx remunerat kompletament jew inparti mill-kommissjoni." Minn dan huma jikkonkludu li, għall-kuntrarju, l-Artikoli 7 sa 12 tad-Direttiva 86/653 japplikaw b'mod obbligatorju jekk il-partijiet jagħżlu kummissjoni bħala forma ta' remunerazzjoni tal-aġent kummerċjali (anki jekk il-kummissjoni tintgħażel biss bħala parti mir-remunerazzjoni). Dan ifisser li l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 huwa dispożizzjoni obbligatorja meta aġenti kummerċjali jirċievu remunerazzjoni b'kummissjoni.

82. Fil-fehma tiegħi dan l-argument ma huwiex konvinċenti. Nista' naqbel li l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 86/653 jagħmel lill-Artikolu 7 tagħha applikabbli jekk il-partijiet ikunu qablu dwar remunerazzjoni b'kummissjoni. Madankollu, il-fatt li tkun applikabbli din l-aħħar dispożizzjoni ma jagħmilhiex regola obbligatorja.

[62] Ara, f'dan ir-rigward, id-Dokument tal-Kunsill 9253/80, tat-13 ta' Awwissu 1980, p. 11 (l-ewwel qari); id-Dokument tal-Kunsill 7527/81, tat-23 ta' Ġunju 1981, p. 3 (it-tieni qari); id-Dokument tal-Kunsill 7348/82, tat-2 ta' Ġunju 1982, p. 11-12 (it-tielet qari). Fil-fatt, kif indikat f'ċerti dokumenti istituzzjonali, il-formulazzjoni tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 86/653 tidher li toriġina minn ċerti emendi proposti mressqa mill-Belġju u mill-Ġermanja fir-rigward tal-abbozz tal-Artikoli 12 u 13 (li jikkorrispondu mal-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 86/653). Ara d-Dokument tal-Kunsill 6877/80, 6 ta' Mejju 1980, p. 15 u 19.

[63] Ara d-Direttiva 86/653, Artikoli 5, 13(1), 15(2) u 19.

[64] Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cosmas fil-kawża Kontogeorgas (C-104/95, EU:C:1996:274, punt 23, nota ta' qiegħ il-paġna 13).

83. Addizzjonalment, kif indikat minn Bank Handlowy, jekk l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 86/653 jippermetti espressament lill-partijiet jeskludu kummissjoni kompletament bħala forma ta' remunerazzjoni tal-aġent kummerċjali, l-esklużjoni ta' tip ta' kummissjoni bħall-kummissjoni msemmija fl-Artikolu 7(1)(b) tal-istess direttiva tkun tidher li tkun permessa wkoll.

84. L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 86/653, għalhekk, jissuġġerixxi li l-partijiet fil-kuntratt ta' aġenzija jistgħu liberament jiddeċiedu kif jiffissaw ir-remunerazzjoni tal-aġent kummerċjali u li, jekk jagħżlu kummissjoni, huma jkunu jistgħu jirrikorru għar-regoli tal-Artikoli 7 sa 12 tad-Direttiva 86/653. Dan jinkludi r-regoli mudell fir-rigward ta' tipi possibbli ta' kummissjoni kif stabbilit fl-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva.

85. Interpretazzjoni li l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 huwa fakultattiv ma hijiex, għalhekk, f'kontradizzjoni mal-Artikolu 6(3) tagħha.

86. Barra minn dan, biex issostni n-natura obbligatorja tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653, Rigall Arteria Management ġabet argument ibbażat fuq l-Artikoli 17 sa 19 tagħha, li skonthom jekk id-dritt għal kummissjoni għal tranżazzjonijiet imtennija ma huwiex obbligatorju, dan jista' jinfluwenza l-ammont ta' indennizz jew kumpens li aġenti kummerċjali jkunu intitolati għalihom abbażi tal-Artikolu 17 tagħha meta jintemm il-kuntratt ta' aġenzija. Minħabba li l-Artikolu 19 tad-Direttiva 86/653 jipprojbixxi derogi mill-Artikoli 17 u 18 tagħha b'detriment għall-aġent kummerċjali, l-argument essenzjalment ifisser li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1)(b) ta' din id-direttiva bħala fakultattiv tkun taffettwa n-natura semi-obbligatorja tal-Artikoli 17 u 18 tagħha [65].

87. Dan l-argument ma huwiex persważiv. L-ewwel, kif irrikonoxxut mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [66], id-determinazzjoni tal-indennizz u tal-kumpens imsemmija fl-Artikoli 17 u 18 tad-Direttiva 86/653 tiġi evalwata abbażi taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tar-relazzjoni ta' kull aġenzija individwali, u ma jiddependix esklużivament mill-kummissjoni mitlufa tal-aġent kummerċjali. It-tieni, anki jekk l-ammont ta' kummissjoni rċevut bħala medja minn aġent jista' jinfluwenza l-ammont ta' indennizz li għalih huwa intitolat dak l-aġent wara t-terminazzjoni tal-kuntratt, dan ma jaffettwax in-natura semi-obbligatorja tal-Artikoli 17 u 18 tad-Direttiva 86/653, u lanqas ma jimmilita favur in-natura obbligatorja tal-Artikolu 7(1)(b) ta' dik id-direttiva.

88. Interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 interpretat bħala fakultattiva ma hijiex, għalhekk, f'kontradizzjoni mal-Artikoli 17 sa 19 tagħha.

89. Fl-aħħar, Rigall Arteria Management, il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni jasserixxu li jkun illoġiku li l-leġiżlatur tal-Unjoni jagħmel ċerti kundizzjonijiet relatati mad-dritt għal kummissjoni suġġetti għall-ftehim tal-partijiet, iżda mhux kundizzjonijiet oħra, bħar-regoli li jirrigwardaw l-estinzjoni tad-dritt tal-aġent kummerċjali għal kummissjoni stabbilit fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 86/653.

[65] Huwa importanti jiġi nnotat li l-Qorti tal-Ġustizzja bbażat il-konstatazzjoni tagħha dwar in-natura obbligatorja tal-Artikoli 17 u 18 tad-Direttiva 86/653 fuq id-dispożizzjoni espressa tal-Artikolu 19 tagħha, li jipprojbixxi deroga minn dawk id-dispożizzjonijiet b'detriment għall-aġent kummerċjali. Ara s-sentenza tad-9 ta' Novembru 2000, Ingmar (C-381/98, EU:C:2000:605, partikolarment il-punti 21 sa 24); ara wkoll, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tas-17 ta' Ottubru 2013, Unamar (C-184/12, EU:C:2013:663, punt 40), u tad-19 ta' April 2018, CMR (C-645/16, EU:C:2018:262, punti 32 u 34 sa 36).

[66] Ara, fir-rigward tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 86/653, is-sentenzi tas-26 ta' Marzu 2009, Semen (C-348/07, EU:C:2009:195, punti 19 u 20); tat-28 ta' Ottubru 2010, Volvo Car Germany (C-203/09, EU:C:2010:647, punt 44); tat-3 ta' Diċembru 2015, Quenon K. (C-338/14, EU:C:2015:795, punt 28) u tas-7 ta' April 2016, Marchon Germany (C-315/14, EU:C:2016:211, punt 27). Ara wkoll ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom (86/653/KEE), COM(96) 364 final, tat-23 ta' Lulju 1996, b'mod partikolari p. 2-4.

90. Jeħtieġ, l-ewwel, li jiġi spjegat li l-kwistjoni dwar il-mument li fih jinħoloq id-dritt għal kummissjoni, jew meta jiġi estint, timporta biss jekk tali dritt għal kummissjoni kien jeżisti fl-ewwel lok. Ma hemmx raġuni għalfejn tip ta' kummissjoni jsir obbligatorju sempliċement minħabba li jkun hemm regoli obbligatorji dwar l-estinzjoni tad-dritt għal kummissjoni, ladarba jkun sar ftehim dwar tali dritt.

91. It-tieni, fil-ġurisprudenza[67] l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 86/653 għandu jinqara fid-dawl tal-Artikoli 10 u 11 ta' din id-direttiva, li jistabbilixxu regoli ġeneralment b'rabta ma' meta d-dritt tal-aġent kummerċjali għal kummissjoni jsir dovut u mal-estinzjoni tiegħu. Minkejja dan, għandu jiġi nnotat li, f'dik il-ġurisprudenza, in-natura obbligatorja tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 86/653 ma kinitx inkwistjoni. Barra minn hekk, dawn l-aħħar dispożizzjonijiet fihom indikazzjonijiet espressi fl-Artikoli 10(4) u 11(3) ta' din id-direttiva, li jipprojbixxu lill-partijiet milli jidderogaw mir-regoli rilevanti għad-detriment tal-aġent kummerċjali. Dan ma huwiex il-każ dwar l-Artikolu 7(1)(b) tagħha.

92. Interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 bħala fakultattiv ma huwiex, għalhekk, f'kontradizzjoni mal-Artikoli 10 jew 11 tagħha.

93. Qabel nikkonkludi, irrid inżid li, skont l-informazzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 jiġi interpretat bħala fakultattiv jaqbel mal-approċċ meħud fid-dritt u fil-ġurisprudenza ta' diversi Stati Membri, inklużi l-Ġermanja[68], l-Italja, l-Awstrija u l-Polonja[69], fost oħrajn[70]. Tali interpretazzjoni hija wkoll sostnuta b'għadd ta' kitbiet minn studjużi[71] inklużi ċerti gruppi ta' riċerka involuti fid-dritt privat Ewropew[72].

[67] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tas-17 ta' Jannar 2008, Chevassus-Marche (C-19/07, EU:C:2008:23, punti 17 sa 21) u tas-17 ta' Mejju 2017, ERGO Poisťovňa (C-48/16, EU:C:2017:377, punt 40).

[68] Kif indikat mill-Gvern Ġermaniż, il-ġurisprudenza Ġermaniża kkonfermat li d-dispożizzjonijiet tal-liġi Ġermaniża li ttrasponiet l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 huma kkunsidrati bħala fakultattivi minnhom innifishom.

[69] F'dan ir-rigward Rigall Arteria Management u Bank Handlowy jasserixxu li l-pożizzjoni dominanti fil-ġurisprudenza Pollakka hija li l-Artikolu 761(1) tal-Kodiċi Ċivili huwa fakultattiv, filwaqt li Rigall Arteria Management tinnota li l-opinjonijiet fil-letteratura ta' studjuži huma diviżi u l-Gvern Pollakk jenfasizza li, kif indikat fid-digriet tar-rinviju, is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), hija ser tkun qiegħda tiddeċiedi għall-ewwel darba f'din il-kawża.

[70] Għandu jiġi nnotat li, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, Rigall Arteria Management issemmi tliet Stati Membri (il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Polonja) fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti li ttrasponew l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 apparentement huma kkunsidrati bħala fakultattivi, u Stat Membru wieħed (il-Belġju) fejn apparentement huma obbligatorji, filwaqt li Bank Handlowy jirreferi għal seba' Stati Membri (ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Italja, l-Awstrija, il-Polonja, il-Finlandja u l-Isvezja) li fihom tali dispożizzjoni huma kkunsidrati bħala fakultattivi. Ara ulterjorment, f'dan ir-rigward, Bogaert, G. u Lohmann, U. (edituri.), *Commercial Agency and Distribution Agreements: Law and Practice in the Member States of the European Union*, It-Tielet Edizzjoni, Kluwer, Den Haag, 2000, p. 67-676.

[71] F'ħafna mil-letteratura ta' studjuži r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 huma kkunsidrati bħala fakultattivi. Ara, pereżempju, Crahay, P., "La directive européenne relative aux agents commerciaux indépendents", *Tijdschrift voor Belgish Handelsrecht/Revue de droit commercial belge*, Vol. 10, 1987, p. 564, f'p. 576-580; Saintier u Scholes, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3 ta' dawn il-konklużjonijiet, p. 109 u 115-118; Randolph, F. u Davey, J., *The European Law of Commercial Agency*, It-Tielet Edizzjoni, Hart, Oxford, 2010, p. 79-80; Singleton, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3 ta' dawn il-konklużjonijiet, p. 98. Madankollu, hemm ukoll fehmiet differenti. Pereżempju, de Theux, A., *Le statut européen de l'agent commercial: Approche critique de droit comparé*, Publications des Facultés universitaires Saint-Louis, Brussels, 1992, p. 116-117 u 357-365, jargumenta li tali regoli għandhom jitqiesu bħala semi-obbligatorji; ara wkoll Rott-Pietrzyk, E. u Grochowski, M., 'Prowizja agenta w czasie trwania umowy (imperatywny czy dyspozytywny charakter regulacji i wynikające z tego konsekwencje)', *Transformacje Prawa Prywatnego*, 2018, p. 73, li, kif ingħad minn Rigall Arteria Management, jargumenta li l-Artikolu 761(1) tal-Kodiċi Ċivili għandu jinftiehem bħala regola obbligatorja.

[72] Tajjeb li jiġi nnotat li, kif indikat minn Rigall Arteria Management, fil-kuntest ta' studji dwar id-dritt privat Ewropew, ix-xogħol ta' grupp akkademiku jidher li jikkunsidra r-regoli dwar il-kummissjoni inkwistjoni bħala obbligatorji (ara Research Group on the Existing EC Private Law (Acquis Group), *Principles of the Existing EC Contract Law (Acquis Principles), Contract II: General Dispositions, Delivery of Goods, Package Travel and Payment Services*, Sellier, München, 2009, Artikolu 7:H-02: Mandatory Nature, p. 36). Madankollu, ix-xogħol ta' gruppi akkademiċi oħra f'dan il-kuntest jidher li jieħu aspett differenti u, għalhekk, ma jispeċifikax li tali regoli huma obbligatorji (ara, f'dan ir-rigward, Hesselink, M.W. *et al.* (edituri.), *Principles of European Law, Commercial Agency, Franchise and Distribution Contracts*, Sellier, Munich, 2006, p. 93-95 u 173-177; von Bar, C. u Clive, E. (edituri), *Principles, Definitions and Model Rules of European Private Law. Draft Common Frame of Reference (DCFR)*, Edizzjoni Kompluta, Vol. 3, Sellier, München, 2009, p. 2282-2283 u 2349-2353).

94. Konsegwentement, abbażi tar-raġunijiet kollha miġbura fil-qosor iktar 'il fuq, jiena tal-fehma li l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 86/653 għandu jinftiehem bħala regola fakultattiva u, għalhekk, jista' jiġi mmodifikat jew eskluż mill-partijiet fil-kuntratt ta' aġenzija.

V. Konklużjoni

95. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi kif ġej id-domanda magħmula mis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja):

L-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 86/653/KEE tat-18 ta' Diċembru 1986 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membru li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom, għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li d-dritt ta' aġent kummerċjali għall-kummissjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni jista' jiġi mmodifikat jew eskluż b'mod kuntrattwali.